# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

**FOLJU T'AĦBARIJIET**
**Numru 274 :: MARZU, 2019**



**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com


## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **29 ta' Marzu, 2019,** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Dawk li għadhom ma ħallsuhiex huma mitluba jagħmlu dan fil-laqgħa li tmiss u jaraw lil Ray Anastasi. Grazzi. Il-miżata għadha $10 kull familja. Grazzi lil dawk li ħallsu l-miżata fl-aħħar laqgħa tagħna.




## IX-XIRKA TAL-BEATI PAOLI

***Rumanz ta' Salv Sammut***

Tfal orfni u minorenni fi skola taħt il-ħarsien ta' Reliġjuż pedofolu. Kien ambjent ta' min jistkerrhu ta' bullying u abbuż sesswali bil-wens ta' min suppost kellu jara li dan ma jsirx. Ħajjithom tbagħbset emozzjonalment u psikoloġikament tkissret mill-bniedem li kellu jħares il-formazzjoni u t-tisħiħ tal-karattru u l-moralità. Iżda minflok, huwa stess abbuża mill-innoċenza tagħhom u ħassrilhom tfulithom. It-trawma tagħhom baqgħu jġorruha tul żogħżithom u l-adolexxenza.

Hija wkoll il-ġrajja ta' delitti bla ħniena b'ritwal makabru mnebbħa minn Xirka klandestina. Imma fuq kollox, hija ġrajja ta' mħabba ġenwina li tisboq kull inġustizzja u kif il-ħaqq ma jħarisx lejn l-uċuħ u l-irġulija. Fuq kollox, is-sens fil-qadi tad-dmir jirbaħ kull element ta' ħbiberija.

*Huwa rrakkomendat li dan ir-rumanz jinqara minn qarrejja ta' 'l fuq minn tmintax-il sena.*

## MY LATEST POEMS

***Ktieb ġdid ta' Carmel Mallia, b'ħames lingwi***




Irċevejna email mingħand il-poeta Carmel Mallia fejn talabna nġibu xi ħaġa fuq ktieb ġdid tiegħu ta' poeżiji b'ħames lingwi.

Huwa qalilna li qed jibgħat xi ħaġa ġdida tiegħu biex jekk ikollna spazju nużawha fil-Folju tagħna.

Huwa qalilna: *"Għadni kemm ħriġt ktieb ġdid ta' poeżiji b' ħames lingwi. Din mhix traduzzjoni tal- poeżiji, imma kull poeżija hi independenti u kollha oriġinali fil-lingwa li ktibthom. Il- ktieb kollu, mill-A saż-Ż, ħejjejtu jien u qassamtu jien. L-istampatur stampa dak li tajtu jien. Xogħol ta' pjaċir u mħabba lejn il-poeżija. Ħriġtu jien waħdi għax ħadd ma jrid jippubblika poeżija. Paċenzja".*

*Meħuda mir-Rivista "Il-Ħajja f'Għawdex"*

# IĦALLINA JOHN CREMONA

Nhar l-Erbgħa filgħaxija, 27 ta' Frar, ħalliena s-Sur John Cremona, magħruf minn kulħadd bħala l-'Poeta tal-Assunta', fl-għomor ta' 92 sena.

Ġanninu, kif kulħadd kien jafu, kien bniedem ta' konvinzjonijiet Insara sodi, u l-poeżija tiegħu tirrifletti r-ruħ Nisranija tiegħu. Barra li kien abbonat regolari fir-Rivista 'Il-Ħajja f'Għawdex', kemm-il darba xandar kitbietu fuqha; l-aħħar waħda hi poeżija dwar ix-Xlendi li għadha kemm dehret fil-ħarġa ta' Frar 2019.

Insellmulu b'poeżija tiegħu stess miktuba meta għalaq disgħin u li dehret fuq il-ħarġa ta' Awwissu-Settembru 2017.



## ŻEWĠ ARLOĠĠI

Tifkira f'għeluq id-90 sena tiegħi
Dakinhar meta ommi wellditni,
tlaqt għal mixja fil-baħħ twil taż-żmien
u l-arloġġ beda' jtektek bla jieqaf,
jgħodd il-jiem għaddejjin bla waqfien.
Kif ix-xemx tibda d-dawra filgħodu,
dik li tagħmel mal-globu kuljum,
u kif jisbaħ u jidlam, il-ħajja
tibqa' għaddejja għal jum wara jum.
It-tektik tal-arloġġ ifakkarni
li ż-żmien jgħaddi u jiġri bħar-riħ,
filli tfajjel, żagħżugħ mimli ħeġġa,
filli raġel imkemmex u xiħ.
Għax il-ħajja nżul hi u tlajja',
taf tidħaklek u taf tidħak bik,
tazza ħelwa u bettija ta' qrusa
bosta drabi tagħtik u tisqik.
Bosta kienu bl-arloġġ ittraduti
għaliex ħasbu li kien sid iż-żmien
u poġġewh bħala l-kejl ta' ħajjithom,
iqarribhom kuljum lejn it-tmiem.
Imma le, biex inkejlu l-ħajja,
il-Mulej tana arloġġ fil-qalb tagħna,
dak li ż-żmien qatt ma jgħaddi minn fuqu
sakemm tibqa' ġo qalbna t-tama.
Hi t-tama l-arloġġ ta' ħajjitna,
li tmur 'l hinn minn ġol-qabar mudlam,
hi l-qawwa li ngħixu bla mmutu
għax Ġesù mill-imwiet reġa' qam.
Tgħix ħamsin, tgħix disgħin jew tgħix mija,
ħalli kollox f'idejn il-Mulej,
għaliex hu Sid iż-żmien, Sid il-ħajja,
bl-arloġġ tiegħu ttama f'li ġej.

**NAFU LI HU FTIT KMIENI... IMMA TAJJEB LI TIBDEW TAĦSBU GĦALL-MATERJAL GĦALL-PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU TA' DIN IS-SENA.**

***Materjal jista' jintbagħat lil Paul Vella fuq:***

**paul.vella44@gmail.com**

Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

# PR: Kotba biss kotba spiss: *l-attivitajiet letterarji waqt il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus*

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, organizzat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb f'ħidma mal-Għaqda tal-Malti - Università, jinsab issa fis-sitt edizzjoni tiegħu u sa minn twelidu dejjem immira biex jipprovdi spazju għall-pubblikaturi u l-awturi Maltin biex jippromwovu xogħolhom ma' udjenza matura, bħalma huma l-istudenti universitarji. Fadal biss ftit ġimgħat biex jibda l-Festival fis-27 ta' Marzu 2019 fil-Kwadranglu tal-Università. Studenti u l-pubbliku mistiedna jżuru l-Festival u l-attivitajiet li se jsiru, u li għandhom x'jaqsmu mal-kotba: diskussjonijiet, preżentazzjonijiet u tnedijiet ta' kotba, intervisti, qari animat, mixjiet iggwidati u kwiżżijiet - hemm għadd ta' attivitajiet mifruxa fuq tlitt ijiem. F'dan l-artiklu se ssibu wħud mill-attivitajiet relatati ma' ktieb, u aktar dettalji fuq l-attivitajiet l-oħra se jittellgħu fil-paġna tal-Festival tal-Ktieb fup il-Kampus (https://www.facebook.com/events/281884592429111/). Tista' taċċessa l-programm kollu minn hawn-hekk (http://ktieb.org.mt/campus-book-festival-2019-programme-of-events/).

Peress li l-bejgħ tal-kotba tal-poeżija reġa' qabad ir-ritmu barra minn Malta, dis-sena l-KNK ħaseb li jiddedika ħin u spazju għall-poeżija. Minkejja li l-poeżija għandha inqas rappreżentanza minn ġeneri oħra, l-istatistika turi li qed tikber fil-popolarità, speċjalment maż-żgħażagħ u dawk li twieldu mill-2000 'l hawn (https://www.theguardian.com/books/2019/jan/21/poetry-sales-soar-as-political-millennials-search-for-clarity).

Il-poeta, kritiku letterarju u traduttur Brittaniku Rod Mengham huwa l-mistieden għal din l-edizzjoni. Dr Mengham jispeċjalizza fil-letteratura Ingliża tas-Seklu 19 u 20, speċjalment Dickens, it-tletinijiet u l-erbgħinijiet, u l-poeżija u l-kitba fittiva kontemporanja. Se jkun qed jipparteċipa fit-tlitt ijiem tal-Festival (27-29 Marzu) fi tliet attivitajiet ewlenin: sessjoni dwar it-traduzzjoni tal-poeżija mal-Kap tad-Dipartiment tat-Traduzzjoni tal-Università Prof. Clare Vassallo u t-traduttur Kevin Saliba; waqt klabb tal-kotba ma' studenti tal-Ingliż dwar l-aħħar ktieb tiegħu Grimspound and Inhabiting Art (Carcanet); u f'intervista mhux ta' min jitlifha mal-poeta Malti Antoine Cassar.

Avveniment ieħor relatat mal-poeżija se jsir il-Ġimgħa 29 ta' Marzu dwar Erbgħin Jum (EDE Books). F'Novembru li għadda Erbgħin Jum, poeżija twila ktieb dwar trawmi fit-tfulija, id-dipressjoni u l-mixi bħala terapija personali, rebbaħ lil Antoine Cassar il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għall-poeżija. Imbagħad l-Erbgħa 27 ta' Marzu Antoine se jkun intervistat minn Prof. Adrian Grima, poeta u akkademiku li jifforma parti mit-tim ta' Inizjamed li jorganizza l-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta. Min-naħa tiegħu, Antoine se jkun qed jintervista lil Zvezdan Reljić dwar l-aħħar pubblikazzjoni tiegħu Wiċċna (EDE Books), li fiha ritratti u esejs estetiċi, antropoloġiċi u letterarji dwar aspetti ta' fiżjonomija, identità u l-fotografija, kollha miktuba b'lingwi differenti li influwenzaw lil Malta tul l-istorja tagħha.

Il-Ġimgħa, r-Rev. Dr Charlo Camilleri, persuna rispettata fil-qasam tal-ispiritwalità Kristjana, flimkien ma' studenti tad-Dottorat fil-Filosofija, Kurt Borg u Robert Farrugia Flores, se jiddiskutu Tħabbat Xtaqtek: Djarju mill-Eremitaġġ (Horizons) ta' Gioele Galea kemm mil-lat spiritwali kif ukoll minn dak sekulari. Dan il-ktieb huwa djarju poetiku dwar l-esperjenza awtentika tal-awtur fl-eremitaġġ ta' San Ġirolamu fil-widien ta' Perugia. Il-proża ssorr fiha aktar minn riflessjonijiet ta' djarju. Hija narrattiva sottili u eleganti ta' persuna fit-tiftixa għal Alla li qed tesperjenza d-dispràment li jġib miegħu d-dubju.

Il-KNK laqqa' wkoll esperti fil-pubblikazzjoni li se jkunu qed jiddiskutu l-importanza tal-qari tal-provi u l-editjar fit-tfassil ta' ktieb. Elizabeth Cortis (qarrejja tal-provi tal-Ingliż, editur u sidt Proofreading Malta); Keith Attard (qarrej tal-provi); u l-pubblikatur mal-BDL Audrey Cassar u l-editur ma' Merlin Publishers Kristina Chetcuti se jiddiskutu suġġetti li huma ta' interess għal kull pubblikatur, editur, qarrej tal-provi jew kittieb. Fost l-oħrajn se jkunu qed iħarsu lejn kif tidentifika l-editur li teħtieġ, livelli differenti fl-editjar, il-pubblikazzjoni ta' waħdek u l-pubblikazzjoni għand pubblikatur, u l-benefiċċji li tqabbad editur.

Se jitniedu wkoll żewġ traduzzjonijiet waqt il-Festival. L-Erbgħa, Faraxa Publishing se tippreżenta L-Intruża u L-Għomja maqluba mill-Prof. Toni Aquilina. Dawn huma żewġ traġedji ta' Maurice Maeterlinck. Il-Ġimgħa, Horizons iniedu Mademoiselle Perlé u Aktar, traduzzjoni tal-ktieb ta' Guy de Maupassant, u waqt l-avveniment Prof. Dominique Lanni se jiddiskuti l-irwol ta' din id-drama fil-Letteratura Franċiża.

Diskussjoni dwar elementi ewlenin fi produzzjoni ta' film ibbażat fuq xogħol letterarju se ssir il-Ġimgħa 29 ta' Marzu. Il-film li se jintuża hu Camilla, ir-rebbieħ tal-Konkors għall-Films Qosra 2018 tal-KNK. L-addattament tas-sottotitli, it-traduzzjoni u l-addattament tat-test se jkunu suġġetti ewlenin li se jlaqqgħu flimkien lid-direttriċi tal-film Stephanie Sant, li addattat in-novella ta' Clare Azzopardi fi screenplay għal film mal-kittieb Teodor Reljić u ttraduċiet id-djalogi Maltin għal sottotitli bl-Ingliż; Dr. Giselle Spiteri Miggiani li introduċiet it-Traduzzjoni Awdjoviżiva bħala traġitt ġdid ta' studju fl-Università ta' Malta; u Martin Bonnici li jmexxi l-kumpanija Shadeena.

Żieda speċjali għall-Festival ta' dis-sena se tkun l-esibizzjoni ta' kotba u t-taħżiżiet jew illustrazzjonijiet oriġinali li eventwalment spiċċaw bħala qoxra ta' ktieb. L-esibizzjoni se tkun miftuħa tul it-tlitt ijiem kollha, u l-artisti mistiedna huma Jon Grech, Marisa Attard, Moira Scicluna Zahra, Steve Bonello, Julinu, Raymond Dominic Grech, Steven Scicluna u Mario Scerri. Il-ktieb u t-taħżiża jew illustrazzjoni oriġinali se jkunu esibiti ħdejn xulxin.

Dawn huma wħud mill-attivitajiet li wieħed jista' jiltaqa' magħhom waqt il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus 2019. Ħu ħsieb u ibqa' segwi x'inhu jiġri fil-jiem li ġejjin billi żżur il-paġna tal-FB tal-KNK u l-paġna tal-FB tal-Festival. Il-Festival se jsir mill-Erbgħa 27 sal-Ġimgħa 29 ta' Marzu. L-Erbgħa u l-Ħamis mid-9am sal-4pm u l-Ġimgħa mid-9am sa tard billejl.

Għal iktar tagħrif jew intervisti iktbu lil Matthew Borg fuq matthew.borg@ktieb.org.mt jew lil Sephora Francalanza fuq ghaqdatalmalti@gmail.com

# L-EWWEL PREŻENZA – *L-Imħabba tal-Ħares ma Tmut Qatt!*

***Awtur: Michael Cini — Pubblikatur: Horizons***




Qatt għaddielek minn rasek li jħufu madwarna, jista' jkun hawn l-iħirsa? Iħirsa li xi darba kienu nies bħalna? Kienu jgħixu, jaħdmu, jinħabbu u kellhom ħafna pjanijiet kif ikollu kulħadd? Imma li għal xi raġuni jew oħra, forsi b'xi traġedja jew xi delitt, ħabta u sabta ħajjithom ġiet mitmuma ħesrem qabel ma laħqu wettqu x-xewqat tagħhom?

Hawn min jgħid li dawn l-erwieħ jinqabdu fid-dimensjoni tagħna u jibqgħu hawn, marbutin ma' din id-dinja. Mingħajr ma jkunu jistgħu jsibu l-mistrieħ ta' dejjem qabel ma jtemmu xi ħaġa partikolari li jkunu għadhom ma lestewx.

U Gabriele, iż-żagħżugħ protagonist ta' dan ir-rumanz, proprju hekk ġralu!

Wara li kien żbarka mal-flotta Franċiża meta Napuljun invada lil Malta fl-1798, dan is-suldat sar iħobb tfajla Maltija jisimha Rożina. Tfajla umli, sempliċi u bint ir-raba'. Imma bi ġmiel li jsaħħrek, tant li ma damx ma tilef rasu warajha.

Biss minħabba li hu kien suldat Franċiż, l-abitanti tar-raħal fejn kienet tgħix din it-tfajla xejn ma kienu kuntenti bih. Dan għaliex għall-Maltin, is-suldati Franċiżi kienu kollha briganti u ħallelin minħabba s-serq u l-abbużi li kienu qegħdin iwettqu madwar il-pajjiż kollu.

Għalhekk meta ġiethom ix-xoqqa f'moxtha, baqgħu baqgħu sakemm tajrulu rasu, ħbew ġismu u ħelsu minnu. Jew aħjar, hekk kienu ħasbu! Għax minħabba li ħajtu kienet intemmet ħesrem b'delitt mingħajr ma kien għadu laħaq gawda lill-maħbuba sbejħa tiegħu... ruħu baqgħet ma straħet qatt!

Minn hawnhekk tibda l-ġrajja ta' din ir-ruħ. Ta' dan l-ispirtu li baqa' maqbud bejn hawn u hemm. Ta' dan il-ħares żagħżugħ li kien għadu ma jistax isib il-mistrieħ ta' dejjem għax għalih, żgur li kien għadu mhux il-waqt li jinfired minn ma' Rożina tiegħu. Ried jibqa' magħha biex jieħu ħsiebha, biex jipprovdilha u fuq kollox... biex iħarisha!

Għaldaqstant, jibda jagħmel minn kollox biex it-tfajla tibqa' tiegħu. Tibqa' tħobb lilu biss u ma ssir ta' ħadd iżjed.

Imma tgħid, tfajla sabiħa bħalma kienet Rożina, kienet lesta li tqatta' l-kumplament ta' ħajjitha waħedha? Imxennqa għall-imħabba? Imxennqa għall-wens? Imxennqa għal xi żagħżugħ ieħor... tad-demm u l-laħam bħalha?

Fl-2014, Horizons kien ippubblika r-rumanz Preżenza – Inti Temmen fil-Ħares? U issa, permezz ta' dan il-prequel tiegħu L-Ewwel Preżenza – L-Imħabba tal-Ħares ma Tmut Qatt! il-qarrej se jiskopri minn fejn ħafna żmien qabel kien tnissel l-ewwel ħares, l-ewwel spirtu jew aħjar, L-Ewwel Preżenza li mill-bidu nett dejjem fittxet li tħares lill-membri ta' din il-familja. Familja li minn żmien l-okkupazzjoni tal-Franċiżi f'Malta saż-żminijiet tal-lum għaddiet minn bosta esperjenzi differenti fil-ħajja, kemm sbieħ kif ukoll koroh. Ewlenija fosthom it-traġedja li minħabba fiha, ruħ ta' omm ta' tfajjel ta' seba' snin ma setgħetx issib il-mistrieħ ta' dejjem qabel ma xi ħadd, kellu bilfors jiskopri kif kien għeb binha taħt ċirkustanzi misterjużi.

Tgħid dan il-misteru, issa wasal biex sa fl-aħħar jinkixef?

Dan huwa l-ħames rumanz mill-pinna ta' Michael Cini. Fl-ewwel pubblikazzjoni tiegħu Preżenza – Inti Temmen fil-Ħares? l-awtur ilaqqa' lill-qarrej ma' ruħ ta' omm li tkun għadha ma tistax issib il-mistrieħ ta' dejjem, qabel ma xi ħadd jiskopri kif kien għeb binha ta' seba' snin taħt ċirkustanzi misterjużi. Rumanz li reġa' ġie ppubblikat bħala Best-seller. Fuq tema storika, fit-tieni rumanz tiegħu Ix-Xafra tad-Destin – L-Imdina 1565, l-awtur jgħaddi lill-qarrej mill-bieb tal-istorja, irikkbu fuq wieħed miż-żwiemel tal-Kavallerija tal-Ordni biex idaħħlu jieħu sehem miegħu f'avventura qalbiena fi żmien l-Assedju l-Kbir ta' Malta tal-1565. U fuq tema totalment differenti miż-żewġ rumanzi ta' qablu, fit-tielet rumanz tiegħu Skjava...fil-ktajjen tal-imħabba jippreżenta lill-qarrej ġrajja senswali mqanqla mill-emozzjonijiet tal-imħabba, li biex iżżomm ħajja, trid tibqa' tissielet kontra t-tentazzjonijiet, l-abbużi... u l-infedeltà. Imbagħad fl-2017, f'għeluq il-75 sena mill-wasla mirakoluża tal-Konvoj ta' Santa Marija, dan l-awtur ippubblika l-ktieb Konvoj – Il-Ġrajja Li Naf Jiena Biss! Rumanz storiku ieħor bi ġrajja ta' mħabba mżewqa mal-fatti storiċi li seħħew tassew matul il-vjaġġ perikoluż ta' dan il-konvoj. Vjaġġ ta' mħabba, qlubija u vittorja li beda mill-Iskozja sakemm b'ħila u b'sogru kbir, il-baħħara 'eroj' li ħadu sehem fih irnexxielhom isalvaw lil Malta milli ċċedi f'idejn l-għadu.



## DWAR L-AWTUR

*Michael Cini twieled il-Ħamrun fl-1964, trabba Ħal Balzan u joqgħod il-Mosta. Studja s-sengħa ta' Draughtsman u llum jokkupa l-kariga ta' Senior Principal fis-Servizz Pubbliku. Studja wkoll il-lingwa Għarbija biex jifhem aħjar l-għeruq Semitiċi tal-ilsien Malti. Iggradwa mill-Università ta' Malta fl-Amministrazzjoni Pubblika kif ukoll fil-Qari tal-Provi bil-Malti. Hawnhekk ħass li kellu jibda jagħti s-sehem tiegħu fil-qasam tal-letteratura Maltija permezz tal-kitba tar-rumanzi. Bl-imħabba lejn il-lingwa u bl-interess li għandu fl-istorja ta' Malta, kemm-il darba jżewweġ ir-riċerka storika mal-ħiliet letterarji biex fost il-kitbiet versatili tiegħu, joħloq ukoll rumanzi storiċi. Minbarra s-sodisfazzjon kbir li jsib fil-kitba, japprezza ferm il-kummenti tal-qarrejja tiegħu sabiex jibqa' dejjem qrib tagħhom.*